MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 541/1999/1

**Paul Borg**

**Vs**

**Albert Rizzo u martu Mary**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-konvenuti ottenew sentenza kontra l-attur mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Marzu, 1997 fejn wara li rtiraw tlett talbiet talbu li l-Qorti tiddikjara li l-konvenut huwa debitur lejhom versu s-somma ta' Lm2,293 skond il-kawzali tac-citazzjoni;

Premess illi sussegwenti ghall-istess citazzjoni numru 1729/96 NA hareg mandat ta’ qbid numru 3539/98 JA u in ezekuzzjoni ta’ l-istess sentenza;

Premess illi skond is-sentenza moghtija u peress li kien baqa’ l-ewwel talba biss, fis-sentenza ma kienx hemm il-kundanna ghal-hlas imma sempliciment dikjaratorja u ghalhekk ma jistax jinghad li kien hemm titolu ezekuttiv ghall-ammont imsemmi fil-mandat;

Premess li meta l-attur talab lill-konvenut illi biex huwa jhallas l-ammont stabbilit fis-sentenza huma kellhom jikkonsenjaw l-oggetti li huwa xtara mil-irkant tal-*Malta Hilton* u Albert Rizzo qal li dawn l-affarijiet ma jezistux aktar ghaliex l-*Malta Hilton* radmithom bil-*bulldozer*;

Premess illi l-konvenuti ma ghaddewx biex jiddepozitaw bi spejjez tal-konvenut l-oggetti li kellhom jikkonsenjaw;

Premess illi ghalhekk ma tistax tinghata ezekuzzjoni la ghas-sentenza u lanqas ghal-ftehim originali ta’ l-irkant fejn inbieghu oggetti partikolari u l-istess Albert Rizzo kien issostitwixxa oggetti flok dawk effettivament mibjugha.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara s-sentenza moghtija fit-3 ta’ Marzu, 1997 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fic-Citazzjoni Numru 1729/96 NA fl-ismijiet Albert Rizzo u martu Mary vs Paul Borg ma hijiex ezegwibbli peress u dana ghar-ragunijiet premessi u precipwament peress illi l-konvenuti huma inadempjenti fl-obbligi taghhom u konsegwentement u ghar-ragunijiet premessi tiddikjara wkoll li l-Mandat 3539/98 fl-istess ismijiet huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez ghal-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 9 tal-process fejn eccepew:

1. Illi t-talba attrici hija bla bazi u nfondata fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur debitur.

2. Illi d-domanda attrici kif formulata hija konfuzjonali ghaliex f'materja ta' dritt, allegata ezigibilita' hija haga u allegata inadempjenza hija hag'ohra kompletament differenti. Ma setghux jigu prezentati mghaqqdin flimkien. Ma ssegwix wahda mill-ohra.

3. Illi l-kwistjoni dwar allegata nadempjenza mhix sollevabbli f'dan l-istadju peress li l-konvenut baqa' kontumaci, u s-sentenza 'dikjaratorja' kif qed isejhilha hu (kanonizzazzjoni ta' kreditu kif qed isejhilha l-esponent) issa ghaddiet in gudikat. L-attur mhux qed jallega li s-sentenza hija nulla izda qed jghid li hi 'sempliciment dikjaratorja', pero' xorta wahda taghmel stat u t-terminu ta' l-appell skada u l-allegata inadempjenza ma tistax tigi sollevata ladarba l-konvenut f'dik l-istanza baqa' kontumaci.

4. Illi l-konvenut odjern gie kanonizzat kreditur ta' l-attur odjern fl-ammont ta' Lm2,293 oltre l-ispejjez. Dik is-sentenza ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu ghalhekk kienet ezegwibbli u ghamel hazin id-debitur li fixkel l-ezekuzzjoni taghha u ta' dan qed jinzamm responsabbli ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

5. Illi mhux minnu ghalhekk li l-mandat 3539/98 fl-ismijiet 'Albert Rizzo vs Paul Borg' huwa null u bla effett. L-imsemmi Mandat inhareg a bazi tal-kanonizzazzjoni tal-kreditu ottenuta b'sentenza f'kawza li l-attur odjern baqa' ma kkontestax u ma appellax minnha.

6. Illi t-talba attrici hija frivola u vessatorja, intiza biss biex tfixkel l-ezekuzzjoni tal-mandat 3539/98.

7. Illi jekk l-affarijiet riferiti mill-attur ma jezistux aktar ghaliex il-Malta Hilton radmithom bil-*bulldozer*, l-attur ghandu jindirizza l-lanjanza tieghu fir-rigward tal-*Malta Hilton*.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta’ l-attur;

## KONSIDERAZZJONIJIET

L-attur qed jitlob li s-sentenza moghtija fit-3 ta’ Marzu, 1997 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fic-Citazzjoni Numru 1729/96 NA fl-ismijiet Albert Rizzo u martu Mary vs Paul Borg ma hijiex esegwibbli billi hija dikjaratorja biss kif ukoll ghax il-konvenuti kienu nadempjenti fl-obbligi taghhom u konsegwentement il-Mandat 3539/98 fl-istess ismijiet huwa null u bla effett.

Kwantu ghal allegazzjoni ta’ l-attur li l-konvenuti kienu inadempjenti fl-obbligi taghhom, illum hemm sentenza li ghaddiet in gudikat fuq dana l-mertu, u kull oggezzjoni li l-attur kellu ghat talba ta’ l-atturi f’dika l-kawza kellha ssir f’dik is-sede u mhux f’dina l-kawza.

Kwantu ghas-sottomissjoni ta’ l-attur li s-sentenza mhiex ezegewibbli kontra tieghu, jirrizulta skond id-dokument ezibit a fol. 62 cioe’ verbal tas-seduta fil-kawza 1729/96 li l-atturi (Albert Rizzo et) kienu rtiraw (2), (3) u (4) talbiet u zammew ferm l-ewwel talba u l-kap ta’ l-ispejjez, b’riserva li jirriponu dik it-talba. Dan ifisser (ara fol. 53) li l-atturi kienu qed izommu ferm it-talba taghhom biex il-konvenut jigi dikjarat debitur versu l-attur fis-somma ta’ Lm2,293 mentri t-talbiet l-ohra gew irtirati, u fosthom kien hemm it-talba ghall kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ dana l-ammont dikjarat bhala dovut.

Illi skond l-artikolu 256 tal-Kap 12 kull sentenza definitiva… li tkun <u>tikkundanna</u> lid-debitur ghal hlas ta’ somma likwida ….hija ezegwibbli wara jumejn minn dak in-nhar li tinghata.

Fis-sentenza tat-3 ta’ Marzu 1997 m’hemmx kundanna biex id-debitur ihallas l-ammont dikjarat dovut. Il-Qorti, (ara fol. 65) fil-kontumacja tal-konvenut kienet laqghet l-ewwel talba ta’ l-atturi biex il-konvenut jigi dikjarat debitur, imma ma kkundannatux biex ihallas l-ammont li qalet li hu dovut. Kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid li tkun decisiva jew obbligatorja ghandha tigi mdahhla fid-dispozitiv. Art. 219 Kap 12.

Illi ghalhekk is-sentenza kif inhi mhiex ezegwibbli.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tiddeciedi
li s-sentenza moghtija fit-3 ta’ Marzu, 1997 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fic-Citazzjoni Numru 1729/96 NA fl-ismijiet Albert Rizzo u martu Mary vs Paul Borg ma hijiex ezegwibbli billi hija dikjaratorja u konsegwentement il-Mandat 3539/98 fl-istess ismijiet ma setghax jinhareg.
Fic-cirkostanzi kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------